# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Settembru tas-sena 2001.**

**Numru 40**

**Avviz numru 346/00/SM**

**Frederick Micallef u martu Catherine Micallef, Joseph Tonna u martu Carmen Tonna f'isimhom proprji u ghan-nom u in rappreżentanza tat-ditta Solida Woodworks.**

**vs**

**May Sullivan**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-24 ta' Marzu tas-sena 2000 li permezz tieghu l-atturi proprio et nomine sejhu lill-konvenuta sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

1. **Thallas lill-atturi s-somma kumplessiva ta' seba' mija u tmienja u sittin liri Maltin (LM768)**

**rappresentanti bilanc ta' ghamara lilha mibjugha u kkonsenjata;**

**2. Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-21 ta' Gunju tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi l-ammont mitlub mill-atturi fl-avviz mhux dovut minnha u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi;**

**2. Illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 2148 (a) tal-Kapitolu 16;**

**3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ghamara mibjugha lill-konvenuta ma kienetx tal-kwalita' u skond l-ispecifikazjonijiet mifthema bejn il-partijiet, u fi kwalunkwe kaz ma kienitx mahduma skond l-arti u s-sengha;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rad id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi din il-qorti ser tiddisponi preliminarjament mill-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuta senjatament dik tal-preskrizzjoni minnha ndikata fin-nota msemmija;**

**Illi jirrizulta li fid-deposizzjoni guramentata taghha l-konvenuta ssostni s-segwenti:**

**1. Illi hi ordnat ix-xoghol meritu ta' din il-kawza;**

**2. Illi intlahaq ftehim fuq il-prezz ta' l-istess xoghol;**

3. **Illi halset biss in-parte u l-kumplament kellha thallsu wara l-konsenja;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghalhekk jirrizulta li l-konvenuta accettat implicitament il-fatt li ghandha ammont xi thallas lill-atturi minhabba x-xoghol minnha ordnat;**

**Ghaldaqstant tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi fil-mertu ghandu pero' jinghad is-segwenti:**

1. **Illi meta l-konvenuta ordnat il-kamra tas-sodda in dizamina hi wriet lill-mastrudaxxa involut ezatt ta' liema kwalita' ridietha billi qaltlu li kienet qed tordnha tal-istess kwalita' li l-kcina taghha hi maghmula minnha;**

2. **Illi jidher li r-rizultat finali ma kienx tal-kwalita' pattwita' stante li l-kamra tas-sodda ma tirrizultax li hi tal-istess tip ta' injam tal-kcina;**

**Ghaldaqstant, din il-qorti hi sodisfatta mis-suespost u filwaqt li fil-mertu tilqa' l-eccezzjoni sollevata tichad it-talba attrici bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**